

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fl-10 ta' Jannar 2018 – Eva Glawischnig-Piesczek vs Facebook Ireland Limited

(Kawża C-18/18)

(2018/C 104/26)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Eva Glawischnig-Piesczek

Konvenuta: Facebook Ireland Limited

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) ⁽¹⁾ jipprekludi, b'mod ġenerali, li wieħed mill-obbligi elenkati iktar 'il quddiem jiġi impost fuq fornitur ta' servizzi ta' hosting li ma rtirax fil-pront ċerta informazzjoni illegali, jiġifieri mhux biss din l-informazzjoni illegali fis-sens tal-Artikolu 14(1)(a) tad-direttiva, iżda wkoll informazzjoni oħra identika:

a.a. fil-livell dinji?

a.b. fl-Istat Membru kkonċernat?

a.c. tal-persuna kkonċernata li tirċievi s-servizz fil-livell dinji?

a.d. tal-persuna kkonċernata li tirċievi s-servizz fl-Istat Membru kkonċernat?

2) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda: dan japplika wkoll fir-rigward tal-informazzjoni b'kontenut ekwivalenti?

3) Dan japplika wkoll fir-rigward tal-informazzjoni b'kontenut ekwivalenti mill-mument meta l-operatur isir jaf b'din iċ-ċirkustanza?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Jannar 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu

(Kawża C-20/18)

(2018/C 104/27)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Hottiaux, J. Samnadda, G. von Rintelen, aġenti)

Konvenut: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu